# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 16**

**Rikors numru 955/13 JRM**

**Dylan Azzopardi**

**v.**

**Peter Zammit**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell li ppreżenta r-rikorrent Peter Zammit (appellant) mid-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tad-9 ta' April 2014 li biha caħdet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala datata 31 ta' Awwissu 2013 għas-somma ta' sittin elf euro (€60,000) li l-appellant iffirma mal-intimat Dylan Azzopardi (appellat). Proċedura li saret skont l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12)

Fatti.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-proċedura huma:

i. Fit-18 ta' Jannar 2013 l-appellant iffirma dikjarazzjoni li kien issellef is-somma ta' sbatax-il elf euro (€17,000) li kellhom jingħataw fit-18 ta' Frar 2013.

ii. L-appellant iffirma kambjala datata 31 ta' Awwissu 2013 għas-somma ta' sittin elf euro (€60,000) li timmatura fit-30 ta' Settembru 2013.

iii. Fl-1 ta' Ottubru 2013 l-appellat ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-appellant *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 għall-ħlas tas-somma ta' sittin elf euro (€60,000) dovuta lilu skont l-imsemmija kambjala.

iv. B'ittra datata 10 ta' Settembru 2013 indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-appellant għamel kwerela kontra l-appellant. Ma jirriżultax li l-pulizija kienet ħadet passi kriminali kontra l-appellat.

v. Fl-4 ta' Ottubru 2013 l-appellant ippreżenta rikors li fih talab lill-qorti sabiex tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Ir-raġunijiet ikunu li l-ammont li l-appellant issellef kien sitta u ħamsin elf euro

(€56,000), il-ftehim kien jinkludi fih użura ta' erbat elef euro (€4,000) kull xahar, u minn meta sar is-self l-appellant kien diġa` ħallas għoxrin elf euro (€20,000), apparti li kien imġiegħel jagħtih il-vettura tiegħu tal-marka BMW Z4.

3. Il-motivazzjoni fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad hi s-segwenti:

*"Illi r-raġunijiet li l-liġi ssemmi biex tinżamm l-eżegwibilita' ta' kambjala jew promissory note huma li (a) l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha u (b) "raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas" tagħha. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi;*

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun;*

*"Illi, f'dan il-każ, ladarba l-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata, il-Qorti ma tistax twarrabha għal kollox mill-qafas li fih inħarġet u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi . Fil-każ tal-lum, jidher aċċettat li l-kambjala nħarġet wara li l-eżekutat issellef flus mingħand l-eżekutant u ma wasalx għaliex sensiela ta' ċirkostanzi fin-negozju wasslu għal qagħda finanzjarja mwiegħra;*

*"Illi, kif ingħad, l-eżekutat isejjes il-każ tiegħu fuq tliet ċirkostanzi. L-ewwel ċirkostanza – li tiġbor magħha t-tieni waħda wkoll – trid li l-import tal-kambjala ma jurix l-ammont li tabilħaqq issellef l-eżekutat mingħand l- eżekutant, u għalhekk (u din hija t-tieni ċirkostanza) l-import jgħodd fih imgħaxijiet li kienu ogħla minn dawk li l-liġi tippermetti. Mill-fatti li joħorġu mill-atti ta' din il-proċedura jirriżulta li l-eżekutat jaqbel li mingħand l-eżekutant issellef is-somma ta' qrib is-sitta u ħamsin elf euro (€ 56,000) fuq medda ta' ftit xhur matul l-2013. Għall-ħlas lura tal-istess somom misselfa ma kien miftiehem l-ebda data jew żmien: kien hemm arranġament biss dwar ħlasijiet ta' mgħax kull xahar;*

*"Illi l-Qorti tagħraf li x-xilja ta' self b'użura hija raġuni serja u gravi biex tattakka s-siwi ta' kull negozju, ladarba l-użura tikkwalifika bħala egħmil li jmur kontra l-ordni pubbliku. Imma, sewwasew minħabba s-serjeta' ta' allegazzjoni bħal din, il-Qorti trid tintwera xi sura ta' prova tanġibbli li tixhed ħaġa bħal din. Ma tistax tibqa' allegazzjoni tperper fl-arja. Issa, l-eżekutant ma kienx f'qagħda li jgħid sewwa kemm kien issellef mingħand l-eżekutant. Kien biss l-eżekutant li ressaq dokument li juri l-ewwel self li sar fi Frar tal-2013. Huwa jgħid li meta, f'Awwissu tal-istess sena, saret il-kambjala, l-import tagħha kien jirrappreżenta dak li l-eżekutat kien għad fadallu jħallsu. L-eżekutant ma jgħidx li dak l-import huwa l-ammont li sellef lill-eżekutat. Dan jista' jitfisser fil-fatt li hija prattika aċċettata li l-import ta' kambjala, ladarba d-data tal-egħluq tagħha tkun wara d-data tal-ħruġ tagħha, tkun tgħodd fiha xi mgħax fuq il-kapital. L-eżekutat ittanta jressaq bi prova tal-allegazzjoni tiegħu tal-eżistenza tal-użura l-fatt li l-eżekutant jiġi minn familja li "hija magħrufa" għal dawn l-għamliet ta' negozju. Il-Qorti ma tqisx li din waħedha hija tabilħaqq prova tajba. L-eżekutat ukoll ressaq kwerela mal-Pulizija b'din l-allegazzjoni, iżda mix-xhieda mismugħa, ma kien ittieħed l-ebda proċediment kontra l-eżekutant min-naħa tagħha wara li kienet bagħtet għalih u intervistatu fuq dak allegat fl-istess kwerela;*

*"Illi l-Qorti tqis ukoll li l-kambjala nħarġet xhur wara li kien sar is-self u l- eżekutat għażel li jiffirmaha. Jista' jkun li, sa dak iż-żmien, l-eżekutant kien qiegħed jinsisti għall-ħlas, iżda ma ntweriex li l-eżekutat kien iffirmaha kontra r-rieda tiegħu jew li, fil-preżenza tal-avukat tal-eżekutant, ressaq xi lment dwar l-import muri fuq il-kambjala qabel ma aċċettaha;*

*"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u r-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ma tistax tibni konvinzjoni tajba biżżejjed biex issib li tassew hemm element ta' użura fl-ammont li jikkostitwixxi l-import tal-kambjala mertu tal-każ;*

*"Illi t-tielet raġuni miġjuba mill-eżekutat hi fis-sens li l-ittra uffiċjali mibgħuta kontrih titlob il-ħlas tal-ammont kollu bla ma tqis xi ħlasijiet (konsistenti) magħmulin minnu akkont qabel ma nħarġet dak inhar. Huwa jgħid li ħallas mal-għoxrin elf euro;*

*"Illi meta kien qed jixhed, l-eżekutat stqarr li meta ħallas kien ħallas fi flus kontanti direttament lill-eżekutant. Żied jgħid li huwa ħallas f'xi erba' okkażjonijiet madwar ħamest elef euro kull darba. Qatt ma talab riċevuta u qatt ma ngħata riċevuta. Huwa magħruf li, min iqajjem il-kwestjoni tal- ħlas ta' xi obbligazzjoni, irid jipprova dak il-ħlas. Għalkemm kull prova tista' tinġieb biex turi dan il-ħlas, l-irċevuta hija l-aqwa prova. F'dan il- każ, din il-prova hija għal kollox nieqsa. L-eżekutant jiċħad li saru l- ħlasijiet. L-eżekutat innifsu jgħid li n-negozju li kellu f'dawk iż-żminijiet kien sejjer ħażin u ma kellux mnejn iħallas. Tressqet prova wkoll li cheque għal madwar ħdax-il elf euro maħruġ minnu u mgħoddi lill- eżekutant f'Lulju tal-2013 (jiġifieri xahar qabel ma*

*nħarġet il-kambjala) ma setax jissarraf għaliex ma kienx hemm fondi għalih fil-kont bankarju li taħtu nħareġ dak iċ-cheque;*

*"Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li din ir-raġuni miġjuba mill-eżekutat ukoll m'hijiex waħda tajba biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali".*

4. L-aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tax-xhieda. Ilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak li xehed hu u d-difensur tiegħu fosthom li:

i. L-appellat abbużivament qabad u ħa l-vettura tal-appellant li kien xtara mingħand terza persuna u li għaliha kien għadu ħallas €4,000 u kien fadallu xi jħallas.

ii. Dakinhar li l-appellant iffirma l-kambjala kienet saret skrittura bejn il-partijiet u li biha l-appellant ikkostitwixxa ruħu debitur tal-appellat għas-somma ta' €60,000 quddiem l-avukat ta' fiduċja tal-appellat, meta kienu jafu li kien hemm bżonn il-preżenza ta' mart l-appellant. Fiċ-ċirkostanzi dak li sar kien kontra l-liġi.

iii. Qabel bdew dawn il-proċeduri, l-appellant kien iddikjara li s-somma pretiża mill-appellat kien fiha €5,000 imgħax b'użura u li lill-appellat kien ħallsu somma sostanzjali ta' flus apparti l-vettura BMW.

5. Skont l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn min jagħmel it-talba *"tressaq raġunijiet oħra*

*gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni”.* Ovvjament sabiex qorti tkun tista’ tasal għal deċiżjoni jaf ikun hemm bżonn tisma’ xhieda u li jkunu ppreżentati dokumenti, kif ġara f’dan il-każ.

6. Mhemmx dubju li l-oneru tal-prova li fis-self hemm element qawwi ta’ użura kien fuq l-appellant. Iżda wieħed jiftakar li din mhijiex il-kawża per se, iżda proċedura speċjali sabiex rikorrent jopponi għall-eżekuzzjoni ta’ kambjala li hi titolu eżekuttiv.

7. F’dan il-każ il-kambjala għadha ma ġietx ġirata u għalhekk għadha fil-fażi kuntrattwali tagħha. Skont l-Artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap.13):

> *“(1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal- kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*
>
> *“(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jiħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f’kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, ma għandhiex tkun imdewma”.*

8. F’dan il-każ il-kwistjoni hi dwar jekk l-appellant għamilx ħlasijiet minn meta ngħata l-ewwel self ta’ sbatax-il elf euro f’Jannar 2013 sakemm iffirma l-kambjala datata 31 ta’ Awwissu 2013 bi ħlas ta’ użura. Mhemmx kwistjoni li l-appellant effettivament issellef is-somma ta’ €56,000 mingħand l-appellat. Eċċezzjonijiet li ċertament jistgħu jitressqu ġialadarba l-kambjala għadha fil-fażi kuntrattwali ta’ bejn il-partijiet.

Eċċezzjonijiet li ċertament ma jeħtieġux xi indaġni li għandha tieħu fit-tul. Il-fatt li jkun hemm bżonn jinstemgħu xhieda ma jfissirx li l-eċċezzjonijiet jeħtieġu eżami fit-tul u dan hu wkoll evidenti mill-atti stess ta' dawn il-proċedimenti.

9. Id-difensur tal-appellant xehed li wara r-rapport li sar bl-ittra li ntbgħatet lill-Kummissarju tal-Pulizija, kien tkellem mal-ispettur Daniel Zammit li qallu li l-appellat kien ammetta miegħu li s-somma li ta b'self lill-appellant kienet ta' sitta u ħamsin elf euro (€56,000), li kien irċieva pagamenti ta' għoxrin elf euro (€20,000), u li kien ħa l-karozza tal-appellant. Madankollu meta l-Ispettur Daniel Zammit xehed, ma kkonfermax dak li xehed id-difensur tal-appellant. Dwar il-vettura qal li l-appellat kien spjegalu li talab lill-appellant sabiex jagħtih il-vettura tiegħu, sakemm jitħallas.

10. Għal dak li jirrigwarda l-iskrittura li jirriżulta li ġiet iffirmata mill-partijiet dakinhar li ffirmaw il-kambjala għal €60,000, il-fatt li ma ġietx iffirmata mill-mara tal-appellat ma kellha ebda rilevanza dwar il-kwistjoni jekk l-appellant issellifx €56,000 jew €60,000, u jekk għamilx ħlasijiet li jirreferu għall-imgħax b'rata iktar minn dak li tippermetti l-liġi.

11. L-appellant għamel ukoll enfażi dwar il-verżjoni li ta fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2013 meta qal li:

i. Kien issellef "xi €56000". L-appellant ma kienx ċert dwar is-somma eżatta li ssellef mingħand l-appellat.

ii. Spjega li l-ewwel darba li ssellef flus mingħand l-appellat, kien iffirma karta u l-imgħax kien €2,000 kull xahar. Ftit wara qal li l-imgħax kien *"xi 2000 fix-xahar"*.

iii. Mistoqsi f'kemm żmien kellu jħallas il-flus lura, wieġeb li ma kienx hemm data stabbilita. Madankollu d-dikjarazzjoni li ffirma fit-18 ta' Jannar 2013 (fol. 43) tgħid li għandu jirritorna s-somma ta' €17,000 fit-18 ta' Frar 2013.

iv. Iktar 'il quddiem qal li spiċċa jħallas xi €5,000 fix-xahar bħala imgħax. Mistoqsi kemm ħallas qal, *"Naħseb tajtu 20,000 imgħax kont diġa"*. Ikompli juri inċertezza.

12. Hu fatt li l-appellant wera nuqqas ta' ċertezza għal dak li jirrigwarda l-ammonti li ssellef u ħallas. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li hu eskluż li f'dan il-każ kien hemm element ta' użura u li effettivament saru ħlasijiet lill-appellat.

13. Għall-qorti hu diffiċli tispjega kif l-appellat kien ser jagħti dawk l-eluf ta' euro fuq ix-xejn u mingħajr ebda imgħax, lill-persuna li sar jafha biss ftit ġimgħat qabel sar is-self ta' €17,000. Fil-fatt saru jafu lil xulxin proprju minħabba dak is-self. Sussegwentement, l-appellant sellef lill-appellat eluf ta' euro oħra, ukoll fuq ix-xejn. Il-qorti ssibha diffiċli tifhem kif l-appellat baqa' jagħti eluf ta' euro lill-appellant meta skont id-dikjarazzjoni li ffirma l-appellant fit-18 ta' Jannar 2013, is-somma ta' €17,000 kellha titħallas fit-18 ta' Frar 2013 u l-appellat xehed li qatt ma rċieva ħlas mingħand l-appellant.

14. L-appellat xehed ukoll li s-somma ta' tlieta u erbgħin elf euro (€43,000) kien ta lill-appellant fil-preżenza tal-avukat tiegħu u ffirmaw karta. Pero` l-appellat ma ressaqx lill-avukat bħala xhud sabiex jikkorabora dak li xehed. Prova li kienet ferm importanti jekk dak il-fatt hu minnu.

15. Fatt ieħor rilevanti hu li l-appellant ta lill-appellat ċekk ta' €11,400 datat 13 ta' Lulju 2013[1] u qallu sabiex ma jsarrfux għaliex ma kellux flus. Evidenti li l-appellant ma kellux likwidita`.

16. Bilfors tqum id-domanda dwar kemm hi kredibbli l-verżjoni tal-appellat li l-appellant ma ħallas xejn meta tikkonsidra li l-appellat l-ewwel

[1] Ippreżentah l-appellat waqt id-deposizzjoni.

ta self ta' €17,000, li kellhom jitħallsu lura fi żmien xahar iżda ma tħallsux, u mbagħad sellfu €43,000 oħra. Dan iktar u iktar meta f'Lulju 2013 l-appellant tah ċekk li skont l-appellat, infurmah li m'għandux isarrfu għaliex ma kellux flus. Indizju tad-diffikulta` finanzjarja li kien jinsab fiha l-appellant li sa dak iż-żmien, skont l-appellat, kien għadu ma tax pagament wieħed.

17. Għalkemm l-appellat xehed li ngħata vettura bħala forma ta' garanzija, minħabba li l-appellant baqa' ma tax il-flus lill-appellat minflok iċ-ċekk, irriżulta li dik il-vettura ma kinitx tal-appellant. Il-qorti fehmet li fil-fatt ma kinitx reġistrata f'isem l-appellant proprju minħabba li kien għadu ma ħallasx il-prezz kollu. Għalhekk l-appellat kellu jkun jaf li l-vettura ma kinitx garanzija adegwata u madankollu xorta ta lill-appellat is-somma ta' €43,000. F'dan ix-xenarju l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni kif, jekk il-verżjoni li ta għandha mis-sewwa, sellef eluf ta' euro oħra lill-appellant mingħajr ma qatt irċieva sold mingħand l-appellant.

18. Wieħed jista' forsi jargumenta li l-appellant kien qiegħed jafda lill-appellat b'dawk il-flus kollha minħabba li xehed *"...jien xtaqt nixtri għalqa, Peter kien jgħini forsi għal xi permessi u bħalma kien jgħini lili kont ngħin lilu jiġifieri m'għandix x'naħbi"*. Iżda jibqa' l-fatt li dawk l-eluf ta' euro, irrispettivament jekk iċ-ċifra hijiex ta' €60,000 jew €56,000, ingħataw b'self fuq ix-xejn. Diffiċli li wieħed jispjega kif persuna tkompli tagħti eluf

ta' euro b'self meta l-appellant ma kienx qiegħed jonora l-ftehim dwar il-ħlas u kien ċar li kellu evidenti li kellu diffikultajiet finanzjarji.

19. Hu veru li l-appellant ma ppreżentax riċevuti tal-ħlasijiet li jgħid li għamel. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li ma jistgħux jitressqu provi oħra li kien qiegħed iħallas imgħax b'użura, li jistgħu wkoll ikunu indizji. Kif osservat l-ewwel Qorti, hu minnu li mhemmx provi li l-appellant iffirma l-kambjala kontra r-rieda tiegħu. Pero` l-appellant mhuwiex jgħid li l-kunsens tiegħu kien ivviżjat iżda li hu ssellef b'użura. L-appellant kellu bżonn jissellef il-flus minħabba nuqqas ta' likwidita` u l-ispejjeż li kellu in konnessjoni max-xogħol relatat mal-akwarju nazzjonali. Hu evidenti li kien dahru mal-ħajt. Billi jidher li l-appellant kien iddisprat li jkollu l-flus f'idejh minħabba l-*commitments* li kellu, il-qorti tasal biex taċċetta li ma kienx fl-interess tiegħu li jipprotesta mal-appellat.

20. L-ewwel Qorti qalet ukoll li *"..... hija prattika aċċettata li l-importa ta' kambjala, ladarba d-data tal-egħluq tagħha tkun wara d-data tal-ħruġ tagħha, tkun tgħodd fiha xi mgħax fuq il-kapital"*. Madankollu l-appellat qatt ma xehed hekk, anzi insista li hu sellef lill-appellat is-somma ta' €60,000, l-ewwel self ta' €17,000 u xhur wara s-somma ta' €43,000. Dan apparti li l-fatt li ma ttieħdux passi kriminali kontra l-appellat ma jfissirx li dak li xehed l-appellant mhuwiex il-verita`. Fil-proċeduri xehed l-ispettur

Daniel Zammit, u minn dik id-deposizzjoni hu evidenti li l-pulizija ma komplitx tinvestiga. Fil-fatt l-ispettur xehed:

> *"Zammit qalilna li ħallsu xi pagamenti. Meta tkellimna ma' Azzopardi qalilna li l-ammont li kien qed jippretendi li jieħu kien l-ammont li kien għad baqagħlu jieħu. Issa jiena ma stajtx inqabbel jekk ma kellix l-oriġinali kemm ftehmu dawn, kemm wieħed ta u kemm wieħed ħallas"*.

21. Interessanti wkoll kif l-ispettur mistoqsi darbtjen jekk staqsix lill-appellat jekk qattx irċieva ħlas mingħand l-appellant, wieġeb li l-appellat qallu li l-ammont li qiegħed jippretendi kienet is-somma li kien għad fadallu jirċievi mingħand l-appellant.

22. Għalhekk il-qorti ma taqbilx mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti u anzi hi tal-fehma li meta tqis dak li ngħad hawn fuq hemm altru milli raġuni gravi li tiġġustifika l-oppożizzjoni tal-appellant għall-eżekuzzjoni tal-kambjala, meħud ukoll in konsiderazzjoni li l-kambjala ma ġietx iġġirata u għalhekk għadha fil-fażi kuntrattwali ta' bejn il-kontendenti li ffirmawha. Il-qorti qiegħda tagħmilha ċara li b'daqshekk mhijiex tiddeċiedi l-mertu tal-kawża li l-appellat irid jippreżenta għall-kreditu li jippretendi li għandu kontra l-appellant, iżda li hemm indizji li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala bħala titolu eżekuttiv. Indizji li meta kkonsidrati mal-verżjoni li ta l-appellat, iwasslu lil din il-Qorti biex tikkonkludi li hemm bażi tajba sabiex tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-ewwel grad fid-9 ta' April 2014 u minflok tilqa' t-talba tal-appellant u tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala datata 31 ta' Awwissu 2013 għas-somma ta' sittin elf euro (€60,000), u għaldaqstant l-appellat għandu jipproċedi b'kawża dwar il-pretensjoni li għandu kontra l-appellant.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm